**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 23 ta' Mejju 2001**

**Rikors Nru: 121A/96**

**Kummissarju ta' l-Art u b' digriet**
**tal- 24 ta' Dicembru 1996 il-kliem**
**Kummissarju ta' l-Art gie**
**sostitwiet bil-kliem Direttur ghall-**
**Akkomodazzjoni Socjali.**

**vs**

**Vivianne Caruana Montalto, Myriam Pellegrini u Margaret Rossignaud, ilkoll ulied Louis Pace, u s-sidien u l-inkwilin Spiro Spiteri u b' digriet tat-18 ta' Novembru 1999 l-isem Vivianne Caruana Montalto gie sostitwit bl-isem Vivianne Pace.**

Il-Bord,

Ra r-rikors fejn l-esponent wara li qal li;

1. Fl-14 ta' Awissu 1975 inharget Ordni ta' Rekwizizzjoni Nru: 34376 fuq il-fond numru 147, Main Street, St. Paul's Bay, fuq talba ta' Spiro Spiteri.

2. Eventwalment sar zgumbrament u tnehhiet l-ghamara mill-post fl-10 ta' Novembru, 1975, u fis-26 ta' Novembru, 1975 il-fond gie allokat lill-istess Spiro Spiteri.

Talab li

Jigi ffissat il-kera xieraq tal-fond mid-data tar-rekwizizzjoni jew kull data ulterjuri ohra li tigi ffissata.

Ra r-risposta tal-kerrej Spiro Spiteri li qal li:

Hu ma jopponiex ruhu ghat-talba purche' il-punctorum temporis ghall-fissazzjoni tal-kera giusta ghandha tkun dik effetivament ta' rekwisizzjoni, u inoltre jigu konstatati d-data tal-kostruzzjoni ta' l-istess fond, l-esebita' tieghu u l-ambjent fejn qieghed: salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta ta' Myriam Pellegrini li qalet li:

(i) il-fond, mertu tal-kawza odjerna, kien is-suggett ta' ilment li il- ko-proprietarji kollha kienu ghamlu mal-Kummissjoni ghall-investigazzjoni ta' Ingustizzji;

(ii) l-ittra tal-11 ta' Ottubru 1994 mibghuta mill-Ufficcju tal-Prim' Ministru l-esponenti kienet giet infurmata illi l-ilment taghhom kien gustifikat;

(iii) una volta li l-ordni ta' rekwizizzjoni kien ikkonsidrat bhala li inhareg erronjament, ma jistax ir-rikorrenti jitlob li talab u ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ra d-digriet tieghu tas-7 ta' Mejju 1997 li bih gew nominati periti teknici l-AIC John Sciberras u l-AIC Frederick Valentino.

Ra l-verbal ta' access mizmum mill-imsemmija periti teknici fid-9 ta' Dicembru 1997 (fol 48)

Ra d-digriet tieghu li bih l-isem ta' Vivianne Caruana Montalto gie sostitwiet bl-isem Vivianne Pace - 18 ta' Novembru 1999.

Ra r-risposta ta' Margaret Rossignaud li qalet li:

(1) missierha (illum mejjet), hi u hutha kienu intavolaw ilment quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji dwar dan il-fond u

l-fond adjacenti numru 148 li gie imniffed illegalment u abuzivament mal-fond 147, Triq il-Kbira, San Pawl il-Bahar u, permezz ta' ittra datata 11 ta' Ottubru 1994 gie mgharraf, li din il-Kummissjoni ddecidiet li l-istess ilment kien gustifikat;

(2) dan l-ilment sar ghab-bazi ta' l-ingustizzja u l-illegalita' ta' l-ordni tar-rekwizizzjoni u bil-procedura odjerna r-rikorrent qieghed jipprova jkompli din l-ingustizzja u illegalita';

(3) ghalhekk it-talba rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez; b' riserva ghall-kull azzjoni ohra.

Ra r-risposta tal-intimata Vivienne Pace li qalet li:

(a) hija u hutha ressqu ilment quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji dwar dan il-fond u dak ta' hdejh 148, Triq il-Kbira, San Pawl il-Bahar li tniffed illegalment u abbusivament mal-fond 147, Triq il-Kbira, San Pawl il-Bahar u l-Kummissjoni ddecidiet li l-ilment kien gustifikat;

(b) la darba l-ordni ta' rekwizizzjoni kienet ikkonsidrata li nharget erronjament, ir-rikorrenti ma jistax jitlob li talab fir-rikors u ghalhekk it-talbiet tar-rikkorenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu; salv risposta ulterjuri u b' rizerva ghall kull azzjoni lilha spettanti.

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha

Sema' t-trattazzjoni ta' l-avukati

Ra l-verbal tas-27 ta' Frar 2001

Ikkunsidra,

1. Ir-rikorrent qed jaghmel it-talba tieghu a termini ta' l-artikoli 11 (1) (a) u 12 (1) tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu lill-Bord tal-Kera s-setgha li jiffissa l-kera xieraq ta' bini "uzat mid-Direttur jew minn xi persuna li tkun imqeghda fih wara rekwizizzjoni bhala dar

skond it-tifsira tal-kelma fl-Ordinanza li trazzan il-Kera fuq id-Djar........."

2. Biex il-Bord jiffissa l-kera xieraq irid ikun hemm bini rekwizizzjonat bhala dar. Il-partijiet jaqblu li fuq il-fond hemm ordni ta' rekwizizzjoni numru 34376 (ara rikors u dok a fol 101) ghalkemm la gie ipprezentat l-original u lanqas kopja.

3. Fid-29 ta' Marzu 1988 l-intimati Pace u missierha permezz tal-konsulent legali taghhom kitbu ittra lill-Kummissjoni tal- Ingustizzji dwar l-ordni tar-rekwizizzjoni msemmija fejn talbu li "tigi korretta u sanata l-ingustizzja maghmula" maghhhom. Permezz ta' ittra tal-11 ta' Ottubru 1994 il-Kummissjoni gharrfet lill-intimati Pace "li l-ilment tieghek huwa gustifikat". Ir-rikors gie prezentat fit-22 ta' Lulju 1996, wara li l-Kummissjoni laqghet it-talba.

4. L-abili difensur tar-rikorrent sostna waqt it-trattazzjoni quddiem il-Bord li fil waqt li bl-ebda mod ma hu qed jikkontesta t-talba tal-Kummissjoni, ghandu qabel il-fond ma jigi derekwizizzjonat, fl-interess ta' kulhadd, jigi ffissat il-kera xieraq (fol 104-105).

5. L-abili difensur tal-intimati ahwa Pace sostna li billi l-Kummissjoni laqghet l-ilment li l-ordni ta' rekwizizzjoni m' ghandhiex tibqa' ssehh, r-rikorrent la ghandu setgha li jressaq ir-rikors u lanqas interess legali. (ibid)

6. Il-Bord jifhem li r-rikorrent, wara r-rapport tal-Kummissjoni, skond id-difensur tieghu, kellu johrog derekwizizzjoni. Ma gie pprezentat xejn dwar "rakkomandazzjoni dwar r-rimedji li l-Kummissjoni jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi" (art 10(1) tal-Kap 320)

7. L-ilment tar-rikorrenti jirreferi "ghall-abbus kbir ta' poter" u illegalita' (fol 102). L-anqas haga li seta' jaghmel ir-rikorrent kien li johrog derekwizizzjoni. Dan ma harigiex imma minflok kompla ghaddej qisu ma gara xejn u ghamel dan ir-rikors. Din hija sitwazzjoni ta' illegalita' li ebda Qorti jew Tribunal ma jista' jhalli ssir. Ir-rikorrenti qed isejjes ir-rikors fuq ordni ta' rekwizizzjoni li jmissu nehha imma ghal xi raguni ma ghamel xejn u halla z-zmien ghaddej. Ma jistax jissokkta dawn il-proceduri ghax sempliciment hu ma ghamel xejn ghax hekk deherlu. Il-Bord ma jifhimx kif f' qaghda ta' illegalita' xi hadd jargumenta li hu fl-interess ta' kulhadd li kollox jibqa' miexi. B' hekk l-illegalita' tkompli titwettaq u tipperpetwa ruhha.

Ghalhekk il-bord jichad it-talba bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Dep.Reg Magistrat